# Il-Qniepen il-Qodma tal-Knisja Ta' Sannat

*Victor Vella Muscat*



ħajr Mgr. Lawrence Sciberras

Il-qniepen il-qodma tal-knisja ta' Sannat kif kienu jidhru fil-kampnari qabel l-1932

**IŻ-ŻGĦIRA L-ANTIKA**

L-eqdem tagħrif li waslilna dwar il-qniepen ta' dan ir-raħal huwa dak li jidher fir-rapport tal-Viżta Pastorali li l-Isqof Davide Cocco Palmeri għamel lil-kappella ta' Santa Margerita, f'Sannat, fl-24 ta' April, 1687, fi żmien meta ta' Sannat kienu għadu ma sarx parroċċa. Hawnhekk, għall-ewwel darba, jissemma' li f'din il-kappella kienet iddendlet qanpiena żgħira fi grabja (ħnejja tal-ġebel) li kienet nbniet fuq il-bieb ewlieni tagħha[1]. Peress li ma hemm ebda referenza għal din il-qanpiena fil-Viżta Pastorali tas-sena 1678, wieħed għandu għax jifhem li din il-qanpiena tpoġġiet f'postha bejn is-snin 1678 u 1687.

Din il-qanpiena kienet għadha f'postha fl-1718 meta, minħabba li l-kappella kienet saret żgħira għall-poplu ta' dan ir-raħal, ġiet mibnija mill-ġdid ikbar u isbaħ, b'kampnar li nbena fuq in-naħa tal-punent tagħha[2]. Wieħed għandu għax jaħseb li malli tlesta l-kampnar, din il-qanpiena ġiet trasferita fih. Aktar tard fl-1883, ġiet meħuda f'wieħed mill-kampnari l-ġodda (dak tal-lvant) li ġew mibnija fil-faċċata l-ġdida tal-knisja fl-1883.

Milli jidher, din il-qanpiena, li kienet magħrufa bħala 'iż-Żgħira', ma tantx damet tgawdi dan il-kampnar il-ġdid għax fl-1890 ġiet mogħtija lill-funditur Ġulju Cauchi, probabilment akkont tal-

ħlas dovut lilu għall-qanpiena 'l-Kbira' li kienet inxtrat minn għandu f'dik is-sena. Ġulju Cauchi, fix-xahar ta' Settembru tal-istess sena, irregala din il-qanpiena, li kienet tiżen 110 rtal, lil kappella 'Ta' Pinu'[3].

Fid-9 ta' Novembru tal-1892, il-Viċendarju tal-knisja ta' San Lawrenz Dun Salv Portelli talab u kiseb din il-qanpiena minn għand Mons. Isqof, għall-knisja tal-istess raħal[4]. Hawn ta' min jgħid li minn ritratti qodma tal-kappella 'Ta' Pinu' jidher li din il-kappella ma kelliex la qniepen u lanqas xi grabja jew kampnar fejn setgħu jiddendlu. Din pero' ma tantx damet tindaqq għax inkisret wara ftit żmien[5].



Mudell ta' grabja b'qanpiena waħda li dari kont issibha mibnija fuq il-faċċati ta' uħud mill-kappelli tal-kampanja Għawdxija

## IL-QANPIENA TA' DORELL

Fil-bidu tas-seklu tmintax membru ta' din il-familja sinjura, Giovanni Battista Dorell[6] irregala qanpiena lill-knisja parrokkjali ta' Xewkija[7]. Din il-qanpiena ġġib fuqha isem il-benefattur tagħha flimkien mas-sena li fiha saretġ AEX . DONO IOANNIS BAPTISTE DOREL. ANO 171Ċ (fejn l-aħħar numru tas-sena mhux identifikabbli)[8]. Fuq l-istess qanpiena jidhru wkoll żewġ medaljuni wieħed bix-xbiha ta' xi qaddis u l-ieħor bl-arma ta' din il- familja konsistenti fi tliett rumminiet u taħthom iljun rampanti[9]. Din il-qanpiena kienet tiżen madwar tlett qnatar[10]. Mill-forma u l-għamla tagħha aktarx li fondiha l-funditur tal-Ordni Mederico Menville[11].

Ma nafux eżatt meta din il-qanpiena nġieb mix-Xewkija u twaħħlet f'postha peress li l-kampnar tal-knisja l-ġdida ma kienx lest qabel l-1718. Li hu żgur hu li fl-1736 din il-qanpiena kienet f'postha fil-kampnar fuq in-naħa tal-punent tal-knisja billi skond il-Viżta Pastorali li saret f'dik is-sena nsibu li fil-kampnar kien hemm żewġ qniepen[12], li aħna naħsbu li kienu dik antika u din ta' Dorell.



*ħajr George Azzopardi*
Il-qanpiena ta' Dorell kif tidher imdendla llum
fil kampnar tas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa

Sal-1932 din il-qanpiena kienet għadha f'postha fil-kampnar tal-punent li hemm fil-faċċata tal-knisja[13], tħares lejn nofsinhar. Wara li waslu l-qniepen il-ġodda, din nqalgħet minn postha u għal xi żmien tqiegħdet fuq il-bejt tal-knisja[14] sakemm, iktar tard fl-istess sena, ġiet trasferita fil-kampnar tal-kappella-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, Malta[15], fejn għadha sallum. Din il-qanpiena li, kif għidna qabel, tiżen madwar 3 qnatar nbiegħet bil-prezz ta' xelin (5c) ir-ratal, ħmistax il-lira (Lm15) b'kollox, skond ma jidher minn riċevuta ta' ħlas datata 10 ta' Settembru, 1932 taħt il-firma tal-Arċipriet Dun Ġużepp Cassar[16].



Il-kampnar tas-Santwarju tal-Mellieħa

**IL-QANPIENA TA' DUN XAND**
(Ta' Wara l-Kbira)

Madwar l-1740 il-kappillan Dun Xand Aquilina[17] kien beda jiġbor għal qanpiena ġdida u hu innifsu għamel offerta ġeneruża. Tlestiet sitt xhur wara mewtu (miet 22 ta' Mejju, 1744) u tbierket mill-Isqof Alpheran de Bussan[18] nhar l-4 ta' Diċembru, 1744 u ttellgħet f'postha ftit jiem wara.[19]

Din il-qanpiena ta' tnax il-qantar[20], li kienet swiet b'kollox 120 skut, bdiet titħallas bin-nifs, 20 skut fis-sena. Fl-1749 il-ħlas tagħha kien għadu sejjer[21].

Sfortunatament l-uniku kampnar tal-knisja fejn kienet tqegħdet, ma kienx jiflaħ għal dan il-piż kollu. Wara madwar erbgħin sena, il-kampnar beda jixxaqqaq u għalhekk il-kappillan Dun Salv Grech kellu jniżżel il-qanpiena, jħott il-kampnar il-qadim u jibni ieħor ġdid[22]. Dan il-kampnar baqa' jservi l-knisja sakemm inħatt meta fl-1883 nbnew il-kampnari tal-faċċata.

Din il-qanpiena reġgħet ġiet imtellgħa f'postha fl-20 ta' Diċembru, 1787. Iktar tard ġiet imtellgħa wkoll il-qanpiena ż-żgħira l-antika. Il-kampnar li kien fuq ir-riħ tal-kor, kellu għalhekk tlett qniepen[23].



L-isqof Paul Alpheran de Bussan li bierek il-qanpiena
mixtrija fi żmien il-kappillan Dun Xand Aquilina

## IL-QANPIENA TA' DUN SIDOR
(Il-Mezzana, Tal-Quddies)

Waqt il-parrokat ta' dan il-kappillan[24] inħasset il-ħtieġa ta' qanpiena mezzana u fis-sajf tal-1815 beda l-ġbir għal din il-qanpiena. Il-kappillan innifsu għamel offerta ta' 100 skut. Fl-Lulju tal-1816 sar il-ftehim mal-funditur Mastru Ferdinandu Leotta[25] imma għaddew kważi sentejn oħra qabel ma nġabru l-fondi biżżejjed biex tkun tista' ssir.

Din il-qanpiena li saret fil-fonderija tal-istess Leotta f'Kordin Malta, tiżen madwar ħdax il-qantar. Ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Ferdinandu Mattei fil-Palazz tiegħu il-Belt Valletta nhar is-26 ta' Ġunju, 1818 u ġiet mogħtija l-ismijiet 'MARGERITA-ADEODATA'.

Nhar l-1 ta' Lulju, il-qanpiena nġarret mill-Port il-Kbir għall-Imġarr u l-għada twasslet ta' Sannat. Il-Ġadd 5 ta' Lulju ttellgħet f'postha minn Mastru Salvu Portelli. Qamet b'kollox 1095 skut, 5 irbgħajja u 16 il-ħabba li minnhom inġabru b'kollox 723skut, 6 irbgħajja u 9 ħabbiet. Id-differenza għamlet tajjeb għaliha l-knisja[26].

## IL-QANPIENA L-KBIRA

Il-kappillan Vella[27] kien tal-fehma li jżejjen il-knisja b'qanpiena kbira għall-kampnar tal-lvant[28].

Il-qanpiena saret fil-fonderija ta' Mastru Ġiljan Cauchi[29] u ħutu fil-fonderija tagħhom fit-telgħa ta' Għajn Dwieli, Bormla u tbierket mill-Isqof Giovanni Maria Camilleri nhar il-Ħadd, 13 ta' Settembru, 1891[30].

Din il-qanpiena tiżen 21 qantar u tmien irtal (1673 kilos)[31]. Għandha dijametru ta' 1.265 metri u għandha ton tan-nota mużikali RE[32] Il-qanpiena għandha minquxa fuqha ix-xbieha ta' Santa Margerita fuq quddiem u dik tal-Madonna Sultana tal-Qalb ta' Ġesu fuq wara, kif ukoll skrizzjoni bil-Latin li tgħid hekk: Mro. Julianus Cauchi Fecit - Laudo Deum Verum - Plebem Voco - Congrego Clerum - Defunctos Ploro - Nimbum Fugo - Festamque Honoro - Anno Dni 1891. SS. PP. - Leone XIII - Episcopo J.M. Camilleri - Parocho J.A. Vella li bil-Malti tfisser: Mastru Ġulju Cauchi għamilha - Infaħħar lil Alla veru - Insejjaħ lill-Poplu - Niġbor lill-Kleru - Nibki l-Mejtin - Ingerrex il-maltemp - Inżejjen il-festi - Fis-sena 1891 - Papa Ljun XII - Isqof Ġ.M. Camilleri - Kappillan Ġ.A. Vella[34]

Wara li fl-1932 nxtara sett ta' 5 qniepen ġodda mingħand id-ditta Barigozzi ta' Milan, fl-Italja, din il-qanpiena ġiet mibjugħa lil parroċċa ta' Ħal Tarxien, Malta għall-prezz ta' mitt lira . Dan il-bejgħ qajjem xi ftit tal-inkwiet għax l-Isqof ta' Għawdex ta' dak iż-żmien, Mgr. Mikiel Gonzi ma kienx daqshekk favur li din tiġi trasferita għal Ħal Tarxien[35]. Dwar ir-raġuni wara dan ir-rifjut, nafu b'żewġ versjonijiet. Waħda tgħid li l-poplu tal-Munxar kien qed jaħseb li jixtriha hu[36], imma minkejja ħafna tentattivi ma rnexxilhomx. L-Isqof Gonzi , skond ma jingħad, xtaq li din il-qanpiena tibqa' Għawdex. Versjoni oħra tgħid li l-Isqof ried li din il-qanpiena tmur fil-kampnar il-ġdid tal-knisja tal-Kalkara[37]. Hemm min jgħid ukoll li din il-qanpiena riduha taż-Żejtun[38].

Din il qanpiena, għalkemm mibjugħa u mħallsa sa mill-1933, damet fil-kampnar tan-naħa tal-punent (fejn kienet ġiet meħuda għax postha fil-kampnar tal-lvant kien ġie meħud mill-Kbira ta' Barigozzi[39]) sa Marzu 1939, meta ġiet meħuda Ħat-Tarxien fejn ġiet imbierka mill-ġdid mill-kappillan Dun Nikol Aquilina u issemmiet mill-ġdid bl-isem ta' MIKELINA b'qima lejn San Mikiel, il-qaddis ta' Dun Mikiel Vella, li tant tħabat biex setgħet tinxtara[40]. Ittellgħet f'postha fil-kampnar nhar it-13 ta' April, 1939[41].



*ħajr Mgr. Lawrence Sciberras*

Il-qanpiena l-kbira qabel tniżżlet mill-kampnar ta' Sannat

Din il-qanpiena hija magħrufa f'Ħat-Tarxien bħala l'Għawdxija' u billi waslet f'din il-parroċċa ftit qabel il-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija, uħud minn nies ta' dan ir-raħal, għadhom skerzosament jgħidu li l-'Għawdxija' ġabitilhom l-għawġ[42].



*ħajr George Azzopardi*
Il-qanpiena l-Kbira fil-Kampnar ta' Ħal-Tarxien

**FEJN SPIĊĊAW**

Tlieta mill ħames qniepen qodma, dik ta' *Wara l-Kbira, tal-Quddies u ż-żgħira,* tniżżlu mill-kampnar tan-naħa tax-xellug, fil-ġimgħa ta' qabel il-wasla tal-qniepen il-ġodda. Tniżżlu taħt id-direzzjoni tal-imgħallem bennej Vitor Vella (tal-Qanfuda) miż-Żebbuġ ta' Għawdex, li dik il-ħabta kien qed jibni il-knisja tal-Madonna ta' Pinu.

Hekk kif tniżżlu tkissru b'mazza tal-barrieri minn Ġużepp Xiberras (is-Sisu) u minn Ġużepp Curmi (ta' Ċaqaq)[43] bil-ħsieb li l-fdal tagħhom jinbiegħ għall-bronż.

*Il-Kbira,* kif ġa ngħad qabel, ġiet meħuda mill-kampnar tal-lvant għal dak tal-punent u ġiet imdendla fl-arkata li tħares lejn ix-Xewkija, fejn baqgħet sakemm fl-1939 ittieħdet Ħal Tarxien, fejn għadha ssemma' leħenha sal-ġurnata tallum.

Dik *ta' Dorell* inqalgħet minn postha u tqegħdet fuq il-bejt tal-knisja sakemm ġiet meħuda biex titqiegħed fil-kampnar tal-kappella-santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa, fejn għadha sallum.

[1] Joseph Bezzina Sannat fi ġrajjet Għawdex Gozo 1989 paġ.135
[2] ibidem (bħal fuq) paġ. 219
[3] Anon Devot ta' Marija IV sena, Nru. 2, Jannar 1891 - paġ.19
[4] Arkivju Episkopali Għawdex Suppliche Nru. 29/1892
[5] John Bezzina Il-Qniepen ta' San Lawrenż San Lawrenż, Għawdex, Mitt Sena Parroċa (1893-1993) - paġ. 67/6
[6] Nota: Il-familja ta' Dorell kienet familja sinjura ħafna li kisbet il-ġid taghha minn negozju ta' self ta' flus bl-imgħax. Hi kellha l-palazz tagħha fil-Belt Valletta. Wieħed mid-dixxendenti tagħha kien ġie maħtur Baruni tal-Marsa mill-Gran Mastru Emmanuel de Rohan.
[7] Ħajr lil Kenneth Cauchi minn Malta għall-informazzjoni.
[8] Skond John Bezzina dan in-numru jaqra 1912. (Ara Il-Qniepen tas-Santwarju Programm Festa ta' Maria Bambina, Mellieħa, 1988 paġ. 23/24)
[9] George Azzopardi Il-familja Dorell u l-parroċa ta' Sannat Santa Margerita V.M., Festa 1997 paġ.11
[10] Ħajr lil Ġużeppi Xiberras (Ta' Majs) minn Sannat għat-tagħrif oralment mogħti lili
[11] Ħajr li George Azzopardi tal-informazzjoni li għaddieli.
[12] Joseph Bezzina Sannat fi ġrajjet Għawdex Gozo 1989 paġ. 219
[13] George Azzopardi Il-familja Dorell u l-parroċa ta' Sannat Santa Margerita V.M., Festa 1997 - paġ.11
[14] Ħajr lil Nikola Buttiġieg minn Sannat għall-informazzjoni orali li għaddieli.
[15] ibidem
[16] Ħajr lil Joe Catania mill- Mosta għall-informazzjoni.
[17] Dun Xand Aquilina serva bħala kappillan ta' Sannat bejn is-snin 1709 u 1744
[18] Nota ġan Piet Agius de Soldanis f'paġna 61 tat-Tieni Ktieb tiegħu Għawdex bil-ġrajja Tiegħu (traduzzjoni Giuseppe Farrugia 1953) jsemmi li fl-1739 l-Isqof Alpheran de Bussan bierek qanpiena ta' 12 il-qantar li ttellgħet fil-kampnar fl-istess sena. Mhux probabbli li fi żmien 5 snin saru 2 qniepen ta' tnax il-qantar il-waħda għall-istess knisja. Għalkemm De Soldanis kien qed jikteb fl-1746, wisq naħseb li ħawwad id-dati u bi żvista kiteb 1739 flok 1744.
[19] Joseph Bezzina Sannat fi ġrajjet Għawdex Gozo 1989 paġ. 219
[20] ibidem paġ. 295
[21] ibidem paġ. 239
[22] ibidem paġ. 295
[23] Nota: Dawn it-tlett qniepen kienu dawk it-tnejn imsemmija hawn u dik ta' Dorell. Difatti skond il-Viżta Pastorali tal-1736 ġa kien hemm żewġ niepen f'dan il-kampnar.
[24] un Sidor Mizzi serva bħala kappillan bejn is-snin 1810 u 1831
[25] Ferdinandu (u ħuh Bastjan) Leotta kienu funditure Sqallini li kellhom il-ħanut tax-xogħol tagħhom fuq Kordin.Fl-istess sena (1818) huma ħadmu qanpiena oħra għal knisja taż-żebbuġ li għadha f'wieħed mill-kampnari sallum. Skond ma qalli Ġużepp Xiberras dawn Iż-żewġ qniepen nġarru minn Malta flimkien.
[26] Joseph Bezzina Sannat fi ġrajjet Għawdex Gozo 1989 paġ. 318-319
[27] Dun Ġwann Andrea Vella serva bħala kappillan ta' Sannat bejn is-snin 1863 u 1916
[28] Joseph Bezzina Sannat fi ġrajjet Għawdex Gozo 1989 paġ. 429
[29] Nota: Ġulju Cauchi kien wieħed mill-erba' ulied tal-brunzar Għawdxi Salvu Cauchi. Hu kompla s-sengħa ta' missieru u tul il-ħajja tax-xogħol tiegħu ħadem madwar 270 qanpiena. Miet Bormla, Malta fl-1904 fl-eta' ta' 73 sena.
[30] Anon Id-Devot ta' Maria IV sena, Nru 11, Ottubru 1891 - paġ. 174
[31] ibidem
[32] Vincent Battistino Ħal-Tarxien Malta 1983 paġ. 92. Ħajr lil Patri Dumink Bonello ofm.conv għall informazzjoni
[33] Joseph Bezzina Sannat fi ġrajjet Għawdex Gozo 1989 paġ. 429
[34] Vincent Battistino Ħal-Tarxien Malta 1883 paġ. 92
[35] ibidem paġ. 92-93
[36] Paul Curmi 'L-Ewwel Magħmudija' Id-Dawl, Nru.11, Festa 1988 paġ. 5
[37] Peter A. Caruana Margerita Għaqda Muzikali Maria Annunziata, Tarxien, Festa 2001 paġ. 40
[38] Ħajr lil Patri Dumink Bonello ofm.conv għat-tagħrif oralment mogħti lili
[39] Ħajr lil Ġużeppi Xiberras minn Sannat għat-tagħrif oralment mogħti lili
[40] Vincent Battistino Ħal-Tarxien Malta 1883 - paġ. 92
[41] Peter A. Caruana Margerita Għaqda Muzikali Maria Annunziata , Tarxien, Festa 2001 paġ. 45
[42] Ħajr lil Patri Dumink Bonello ofm.conv għat-tagħrif oralment mogħti lili
[43] Ħajr lil Ġużeppi Xiberras (Ta' Majs) minn Sannat għat-tagħrif oralment mogħti lili.